Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2084(INI)

01.07.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti
(2025/2084(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Michał Szczerba

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-relazzjonijiet politiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti
(2025/2084(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Trans-Atlantika dwar ir-Relazzjonijiet bejn il-KE u l-Istati Uniti tal-1990,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tad-Djalogu Trans-Atlantiku tal-Leġiżlaturi tal-15 ta' Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-2 ta' April 2025 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2024[1] u dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2024[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi, b'mod partikolari ir-rakkomandazzjoni tat-13 ta' Diċembru 2023 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet UE-Stati Uniti[3],

– wara li kkunsidra l-Kunċett Strateġiku adottat fis-Summit tan-NATO ta' Madrid fid-29 ta' Ġunju 2022,

– wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża adottata fit-22 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030, tad-19 ta' Marzu 2025,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' The Hague tal-25 ta' Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi s-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Istati Uniti hija bbażata fuq storja, valuri demokratiċi u interessi komuni kondiviżi li ilhom jeżistu; billi din is-sħubija kienet strumentali fil-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà, id-demokrazija u l-prosperità fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku u fuq livell dinji;

[1] Testi adottati, P10_TA(2025)0057.
[2] Testi adottati, P10_TA(2025)0058.
[3] Testi adottati, P9_TA(2023)0468.

B. billi x-xenarju ġeopolitiku huwa kkaratterizzat minn sfidi ġodda u kumplessi, inkluża ġibda dejjem akbar lejn l-awtoritarjaniżmu, il-kompetizzjoni ġeopolitika, tfixkil teknoloġiku u diżastri kkawżati mit-tibdil fil-klima;

C. billi huwa meħtieġ b'mod urġenti approċċ komprensiv u differenzjat fil-konfront tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti li jibbilanċja l-kollaborazzjoni msaħħa, l-impenn strateġiku, ir-rispett reċiproku u l-insegwiment ta' interessi kondiviżi;

D. billi n-NATO tibqa' l-pedament essenzjali u insostitwibbli tas-sigurtà trans-Atlantika; billi l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti hija kruċjali biex tiskoraġġixxi t-theddid attwali u emerġenti għas-sigurtà trans-Atlantika u globali;

E. billi l-valuri demokratiċi, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-istat tad-dritt jikkostitwixxu proprju l-pedament u l-pilastri li jiddefinixxu s-sħubija trans-Atlantika u l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;

F. billi t-tisħiħ tal-fehim min-naħa tal-pubbliku u tal-isforzi ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni rigward ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti fost iċ-ċittadini fiż-żewġ kontinenti huwa fundamentali għat-tisħiħ tal-fiduċja u tas-sensibilizzazzjoni reċiproka;

G. billi l-awtonomija strateġika fl-oqsma regolatorji u teknoloġiċi hija ta' importanza fundamentali għall-UE filwaqt li tinżamm sħubija trans-Atlantika b'saħħitha u tiġi rispettata s-sovranità;

H. billi l-isfidi ġeopolitiċi, li kulma jmur qed jiżdiedu bħala riżultat tal-fatt li l-potenzi globali u reġjonali, b'mod partikolari r-Russja, l-Iran u ċ-Ċina, qegħdin jikbru, jirrikjedu approċċ trans-Atlantiku koordinat u strateġiku;

I. billi l-interdipendenza ekonomika profonda bejn l-UE u l-Istati Uniti, li tikkostitwixxi l-akbar sħubija kummerċjali u ta' investiment fuq skala globali, tibqa' mutur kruċjali tal-istabbiltà u tat-tkabbir ekonomiku fuq livell dinji;

1. Jitlob li jittieħed approċċ tal-UE aktar koordinat, koerenti u b'viżjoni li tħares 'il quddiem għas-sħubija strateġika mal-Istati Uniti, li jiffoka kemm fuq l-objettivi fuq terminu qasir kif ukoll fuq terminu medju biex tinbena relazzjoni reżiljenti u lesta għall-futur, li tkun kapaċi tirrispondi b'mod effettiv għar-realtajiet globali li qed jevolvu u għall-isfidi emerġenti;

2. Jitlob li jiġu stabbiliti u jinżammu djalogi strateġiċi kontinwi fil-livell għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti biex jiġu indirizzati punti ta' żvolta u l-isfidi ewlenin fir-relazzjoni, b'enfasi partikolari fuq il-kummerċ, is-sigurtà u t-theddid ġeopolitiku emerġenti; jisħaq li l-Ewropa jrid ikollha rwol proattiv u responsabbli fil-politiki ta' sigurtà u difiża tagħha stess, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti u man-NATO;

3. Jirrikonoxxi r-rwol ta' tmexxija tal-passat u tal-preżent tal-Istati Uniti fl-affarijiet globali u jinkoraġġixxi lill-Istati Uniti jkomplu jappoġġjaw is-sigurtà Ewropea, anki bi preżenza militari; jemmen b'konvinzjoni li, minħabba t-theddida persistenti minn reġimi malizzjużi, il-kooperazzjoni mill-qrib se tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat;

4. Itenni l-kundanna konġunta tal-UE u l-Istati Uniti tal-influwenza malizzjuża u ostili tal-Iran fil-Lvant Nofsani, inkluż l-appoġġ tiegħu għall-attakki terroristiċi ta' stmellija tas-7 ta' Ottubru 2023 mill-Ħamas kontra Iżrael, kif ukoll l-appoġġ attiv tal-Iran għat-terroristi fuq livell dinji; jenfasizza l-periklu enormi li l-programm nukleari Iranjan jikkostitwixxi għas-sigurtà komuni;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ppreservata u msaħħa l-awtonomija regolatorja tal-UE f'oqsma ta' politika kritiċi, filwaqt li jħeġġeġ rispett sħiħ għall-proċessi deċiżjonali sovrani u għall-integrità istituzzjonali tal-UE;

6. Jistieden lill-UE u lill-Istati Uniti jindirizzaw l-isfida multidimensjonali ppreżentata miċ-Ċina, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa ta' strateġija trans-Atlantika komprensiva u kkoordinata tajjeb li tirrikonoxxi liċ-Ċina bħala kompetitur strateġiku, inkluż billi tiġġieled b'mod konġunt l-operazzjonijiet ta' spjunaġġ u ta' influwenza miċ-Ċina, filwaqt li tkompli tipprovdi l-appoġġ għad-demokrazija tat-Tajwan; jirrikonoxxi liċ-Ċina bħala faċilitatur u sostenitur tal-aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u t-theddid tar-Russja kontra s-sigurtà Ewropea u trans-Atlantika;

7. Jenfasizza r-rwol indispensabbli u kontinwu tal-Istati Uniti fit-tmexxija tan-NATO u fl-isforzi kollettivi fil-qasam tas-sigurtà, filwaqt li jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi għan-NATO bħala l-istituzzjoni fundamentali tad-deterrenza u d-difiża trans-Atlantiċi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-aggressjoni u l-azzjonijiet destabbilizzanti tar-Russja u tar-reġimi bħall-Iran, il-Belarussja u l-Korea ta' Fuq; jirrikonoxxi r-rwol tan-NATO fil-promozzjoni tal-paċi u tal-istabbiltà lil hinn miż-żona Ewro-Atlantika;

8. Jappoġġja u jinkoraġġixxi żieda fl-infiq u l-inizjattivi Ewropej fil-qasam tad-difiża li jkunu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi tan-NATO, inklużi l-isforzi biex jinbena pilastru Ewropew aktar kapaċi u kredibbli fi ħdan l-Alleanza; jenfasizza l-ħtieġa għall-koordinament fil-politiki tad-difiża industrijali u l-kooperazzjoni fost l-industriji;

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tibqa' viġilanti, tkun ippreparata tajjeb u tkun lesta li tadatta ruħha għall-kontinġenzi kollha possibbli sabiex tipproteġi u tippromwovi l-interessi tagħha fi ħdan is-sħubija trans-Atlantika;

10. Jafferma l-impenn konġunt tal-UE u tal-Istati Uniti li jappoġġjaw lill-Ukrajna fid-difiża li qed tagħmel bħalissa kontra l-aggressjoni Russa, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-oqfsa ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, biex tinżamm responsabbli għad-delitti tal-gwerra u għad-delitti kontra l-umanità; huwa favur, barra minn hekk, l-użu tal-assi statali u privati immobilizzati tar-Russja fl-irkupru u fir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna; jissottolinja l-interess komuni tal-UE u tal-Istati Uniti fl-integrazzjoni Ewropea tal-Ukrajna;

11. Jissottolinja l-importanza tal-kummerċ ta' prodotti u servizzi bejn l-UE u l-Istati Uniti; jenfasizza li l-esportazzjonijiet ta' prodotti u servizzi tal-Istati Uniti lejn l-UE jikkontribwixxu għal 2,3 miljun impjieg fl-Istati Uniti, u l-investimenti ta' kumpaniji tal-UE fl-Istati Uniti jimpjegaw 3,4 miljun persuna; iħeġġeġ liż-żewġ naħat jaħdmu biex ineħħu l-ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ, u jsolvu kwalunkwe tilwim kummerċjali permezz tad-djalogu u tal-kooperazzjoni;

12. Jitlob kooperazzjoni u koordinament mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà ekonomika, b'mod partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kontrolli tal-esportazzjonijiet u dwar it-theddid relatat mal-investiment dirett barrani; jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni

dwar l-isfidi ekonomiċi esterni komuni, bħall-kapaċità żejda u l-prattiki kummerċjali inġusti, inkluż dawk miċ-Ċina; jitlob kooperazzjoni biex jitjieb l-aċċess għall-materja prima kritika u jinbnew ktajjen tal-provvista reżiljenti; jappoġġja l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' delokalizzazzjoni f'pajjiżi b'valuri komuni (friend-shoring) biex tiżdied il-kompetittività ekonomika;

13. Iħeġġeġ kooperazzjoni intensifikata fl-innovazzjoni teknoloġika, inklużi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji strateġiċi u emerġenti, bħall-manifattura avvanzata, l-IA u l-computing kwantistiku; jitlob li jkun hemm miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika billi jittejjeb il-fluss ta' riżorsi teknoloġiċi avvanzati bejn l-UE u l-Istati Uniti, jinħolqu standards xierqa għas-sikurezza ta' dawn it-teknoloġiji u jissaħħu l-ktajjen tal-provvista relatati;

14. Jisħaq fuq l-importanza li jinżamm u jissaħħaħ il-koordinament mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari dwar il-fluss tal-materja prima, u tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija nadifa, inklużi t-teknoloġiji nukleari;

15. Jesprimi tħassib dwar id-deċiżjoni tal-Istati Uniti li ma jimplimentawx il-ftehim globali dwar it-taxxa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jemmen li skema internazzjonali kkoordinata dwar it-tassazzjoni ġusta hija strumentali biex l-ekonomija globali ssir aktar ekwa u sostenibbli;

16. Jirrikonoxxi l-importanza li tinbena u tinżamm sħubija ġenwina bejn l-UE u l-Istati Uniti, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku, il-valuri demokratiċi kondiviżi u l-interessi strateġiċi komuni; jitlob li jkun hemm sforzi msaħħa biex jiġu promossi d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fuq livell dinji;

17. Jitlob kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Uniti jsaħħu b'mod sinifikanti l-istrateġiji ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni pubbliċi tagħhom biex iqajmu kuxjenza u jżidu l-fehim tas-sħubija trans-Atlantika fost iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jippromwovu l-impenn lil hinn mil-livell federali fl-Istati Uniti billi jinvolvu lill-awtoritajiet statali, bl-uffiċċji tal-gvernaturi, l-assemblej statali u korpi oħra li jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp ta' tali kooperazzjoni;

18. Jirrakkomanda djalogu mal-gruppi ta' riflessjoni, mas-soċjetà ċivili, mad-dinja akkademika u ma' partijiet ikkonċernati mhux governattivi oħra biex jiżdied il-fehim pubbliku u jitrawwem dibattitu infurmat; jitlob li ssir promozzjoni tal-iskambji edukattivi u kulturali u tat-turiżmu;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kungress tal-Istati Uniti.

NOTA SPJEGATTIVA

Is-sħubija trans-Atlantika bejn l-UE u l-Istati Uniti hija bbażata fuq impenn kondiviż favur id-demokrazija, l-istat tad-dritt, u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Fid-dawl tal-instabbiltà globali li kulma jmur qed tikber, ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa għal relazzjoni mġedda u strateġika bejn l-UE u l-Istati Uniti, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku, il-kooperazzjoni msaħħa, u viżjoni komuni għall-paċi, is-sigurtà u l-prosperità globali.

Huwa jenfasizza lin-NATO bħala l-pedament tas-sigurtà trans-Atlantika u jilqa' ż-żieda fl-isforzi Ewropej biex jinbena pilastru tad-difiża aktar b'saħħtu u aktar kapaċi fi ħdan l-Alleanza. Ir-rapport jitlob li jkun hemm djalogu msaħħaħ fil-qasam tass-sigurtà u d-difiża, koordinament mill-qrib dwar is-sigurtà ekonomika, u kooperazzjoni msaħħa fl-innovazzjoni teknoloġika, il-kummerċ u l-enerġija.

Ir-rapport jafferma mill-ġdid ir-rwol fundamentali tal-appoġġ mill-UE u l-Istati Uniti lill-Ukrajna, inkluż permezz tal-użu ta' assi immobilizzati tal-Istat Russu għar-rikostruzzjoni, u jindirizza l-isfidi ppreżentati mill-potenzi awtoritarji marbuta maċ-Ċina u l-Iran.

Jisħaq fuq ir-rwol tad-diplomazija parlamentari u jirrakkomanda l-approfondiment tal-iskambji strutturati, inkluż fil-livelli statali u lokali, flimkien ma' involviment usa' mal-gruppi ta' riflessjoni, mas-soċjetà ċivili u mad-dinja akkademika biex tiġi appoġġjata s-sħubija trans-Atlantika u jiġi żgurat allinjament strateġiku fit-tul.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Polski Instytut Spraw Miedzynarodowych (The Polish Institute of International Affairs)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.